Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 7/2016AE

**Michael Casha u Rose Casha u b'digriet tal-20 ta' Frar 2014 saret trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Michael Casha wara l-mewt ta' Rose Casha**

**Vs**

**Mario Gatt u martu Mary Gatt ghal kull interess li jista' jkollha**

L-Erbgha, 13 ta' April 2016.

Din id-decizjoni titratta appell minn provvediment moghti mill-Bord Li Jirregola l-Kera fil-25 ta' Frar 2016 dwar talba ta' Glenn Gatt maghmula taht l-Artikolu 281 tal-Kap. 12 sabiex ihassar il-mandat ta' zgumbrament li nhareg fit-18 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Michael Casha et vs Mario Gatt et**, liema att ezekuttiv inhareg wara s-sentenza ta' din il-qorti tas-27 ta' Ottubru 2015. Glenn Gatt qieghed isostni li hu inkwilin tal-fond 23, Triq il-Gdida, Hamrun. Dwar dan hemm ukoll kawza fl-ismijiet **Glenn Gatt vs Michael Casha et** (Rikors 1228/2015AF) li qeghda tinstema' quddiem il-Prim'Awla.

Il-Bord cahad it-talba tar-rikorrent wara li kkonkluda li l-Artikolu 281 japplika f'kazijiet *"ta' difetti fil-forma li tkun intuzat f'tali mandat"*.

L-aggravji tal-appellant huma:

1. L-Artikolu 281 tal-Kap. 12 ma japplikax biss ghal kazijiet ta' difett fil-forma tal-att ezekuttiv;
2. Fil-meritu, l-appellant hu l-inkwilin tal-fond ghaliex saret cessjoni tal-kirja minghand il-genituri tieghu;

L-intimat wiegeb fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell kellu jigi michud.

Wara li l-qorti rat l-atti tosserva:-

1. Fil-kawza **Michael Casha et vs Mario Gatt et** (73/2008), l-intimati qatt ma ddefendew ruhhom li m'humiex il-legittimi kontradittturi jew li l-gudizzju ma kienx integru. Qatt ma qalu li l-inkwilin hu binhom Glenn Gatt jew li hu nkwilin flimkien maghhom. Fil-kors tal-kawza Mario Gatt kien semma biss lill-ibnu Alan Gatt.
2. L-appellant qatt ma talab sabiex jintervjeni fil-kawza 73/2008. M'hemmx dubju li Glenn Gatt kien jaf bil-kawza 73/2008, jekk kif qal hu: *"Ir-relazzjoni*

*ta' bejni u bejn hija tajba tant illi ahna nahdmu flimkien, nimpurtaw prodotti flimkien u nbieghuhom.... Wara li jiena waqaft nuza l-fond bhala parrukkier jiena u hija bdejna nuzaw il-fond bhala store ghall-prodotti illi konna qeghdin nimpurtaw minn barra"* (fol. 40). Il-qorti kienet tippretendi li kieku verament kien l-inkwilin u kellu nteress fil-fond, ma kienx jibqa' *in hiding* ghal dawn is-snin kollha u jiddefendi ruhu wara li nhareg mandat ta' zgumbrament kontra l-genituri tieghu. Ghall-qorti dan il-manuvrar mhu xejn ghajr tentattiv iddisprat biex it-titolu ezekuttiv li ghandu l-appellat ma jigix ezegwit u l-fond jibqa' fil-pussess tal-familja Gatt. Dan mhux accettabbli.

3. Illum il-gurnata hemm sentenza li hi gudikat.
4. It-titolu li qieghed jivvanta l-appellant m'huwiex wiehed cert. Tant hu hekk li hu stess ippropona kawza sabiex il-qorti tiddikjara li hu inkwilin tal-fond.
5. Hu minnu li fi klawzola 3 tal-kuntratt jinghad: *"Il-kerrejja jobbligaw ruhhom li jirrikonoxxu fil-futur bhala inkwilin tal-istess fond it-tfal tal-istess inkwilin imsemmi f'din l-iskrittura privata"*. Pero' m'hemmx prova li sid il-kera qatt intalab jirrikonoxxi lil Glenn Gatt bhala inkwilin. Ghalkemm l-appellant ipprezenta kopja ta' ittra legali, l-appellat xehed li qatt ma rceviha. Illum hu ovvjament tard wisq sabiex l-appellant jirrikonoxxi lill-appellant bhala inkwilin, ghaliex il-kirja **spiccat**.
6. Hu minnu li l-appellant xehed li ghamel zmien jahdem bhala parrukkier fil-fond u li hu shab fin-negozju ta' prodotti tax-xaghar ma' huh. Pero' din il-verzjoni mhi korraborata minn ebda prova. Waqt il-gbir tal-provi fil-kawza 73/2008, l-uniku wild tal-konjugi Gatt li ssemma kien Alan Gatt.
7. Hu veru li Glenn Gatt kien iddepozita l-qorti xi skadenzi ta' kera (ara cedoli ta' depozitu 1245/2004, 46/2005, u 193/05) kif ukoll li din il-kera giet zbankata mill-appellat. Pero' hu veru wkoll li Mario Gatt baqa' jiddepozita l-kera ghallinqas zgur sat-28 ta' Ottubru 2015 (ara fol. 28-39). Jekk kif qieghed isostni l-appellant kien hemm cessjoni tal-kirja, m'hemm l-ebda raguni ghalfejn il-kera baqghet tigi depozitata minn Mario Gatt u mhux minn Glenn Gatt. Atteggament li pjuttost jikkonferma li ma ried ikollu x'jaqsam xejn mal-fond. Ghalhekk jekk fil-passat Glenn Gatt kellu xi nteress fil-fond, dan sfuma fix-xejn fi zmien qasir.

Irrispettivament ghal liema kazijiet japplika l-Artikolu 281 tal-Kap. 12, meta tqies dawn ic-cirkostanzi kollha flimkien, il-qorti m'ghandhiex dubju li m'hemmx raguni valida biex jithassar il-mandat ta' zgumbrament.

Fir-rikors promotur l-appellant kien talab ukoll lill-Bord sabiex alternattivament jordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-mandat sakemm tinqata' l-kawza li ppropona. Dan m'huwiex rimedju kontemplat fl-Artikolu 281 tal-Kap. 12 u ghalhekk it-talba saret inutilment (ara decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Superjuri), **Emanuel Ciantar proprio et nomine vs HSBC Bank Malta plc** tat-30 ta' Ottubru 2015).

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell, bl-ispejjez kontra l-appellant. Peress li tqies li l-appell hu fieragh, tikkundanna lill-appellant ihallas l-ispejjez ghal darbtejn**.

Anthony Ellul.